Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2077 1.8.2024

**DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2077**

**tal-31 ta’ Lulju 2024**

**li tirrifjuta t-tiġdid tal-awtorizzazzjoni ta’ Fumokomp (SF-009) bħala prodott primarju ta’ aromatizzant b’togħma affumikata**

*(notifikata bid-dokument C(2024) 3708)*

**(It-test bl-Ungeriż biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2065/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta’ Novembru 2003 dwar it-taħwir bl-affumikazzjoni użat jew intiż għall-użu fi jew fuq l-ikel ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 2065/2003 jistipula li l-aromatizzanti b’togħma affumikata inklużi fil-lista tal-Unjoni ta’ prodotti primarji ta’ aromatizzant b’togħma affumikata awtorizzati (“il-lista tal-Unjoni”) biss jistgħu jiġu introdotti fis-suq fl-Unjoni.

(2) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2013 ([2]) stabbilixxa l-lista tal-Unjoni. Il-prodott Fumokomp (SF-009) ġie inkluż f’dik il-lista bid-data ta’ skadenza tal-awtorizzazzjoni tal-1 ta’ Jannar 2024.

(3) Fis-27 ta’ Ġunju 2022, il-kumpanija Kompozíció Kft ressqet applikazzjoni għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni ta’ Fumokomp (SF-009) bħala prodott primarju ta’ aromatizzant b’togħma affumikata.

(4) Fit-28 ta’ Settembru 2023, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (“l-Awtorità”) adottat l-opinjoni xjentifika tagħha dwar is-sikurezza ta’ Fumokomp (SF-009) ([3]).

(5) Fl-opinjoni xjentifika tagħha, l-Awtorità nnutat li n-nuqqas tas-sustanza ġenotossika furan-2(5H)-on minn Fumokomp (SF-009) ma ntweriex b’mod konvinċenti u li l-ittestjar tat-taħlita sħiħa f’assaġġ *in vitro* tal-limfoma tal-ġrieden ta riżultati pożittivi li jkunu jeħtieġu studju ta’ segwitu *in vivo* adegwat. Barra minn hekk, l-Awtorità dehrilha li l-potenzjal ta’ Fumokomp (SF-009) għall-anewġeniċità ma kienx ġie investigat b’mod adegwat. Għaldaqstant, l-Awtorità kkonkludiet li t-tħassib potenzjali għas-sikurezza tal-ġenotossiċità tal-Fumokomp (SF-009) ma jistax jiġi eskluż.

(6) Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2065/2003, l-aromatizzanti b’togħma affumikata li ma jippreżentawx riskji għas-saħħa tal-bniedem biss jistgħu jiġu awtorizzati u introdotti fis-suq. Għalhekk, jixraq li t-tiġdid tal-awtorizzazzjoni ta’ Fumokomp (SF-009) bħala prodott primarju ta’ aromatizzant b’togħma affumikata jiġi rrifjutat.

([1]) ĠU L 309, 26.11.2003, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/2065/oj.
([2]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2013 tal-10 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta’ prodotti primarji awtorizzati ta’ taħwir bl-affumikazzjoni għall-użu bħala tali fl-ikel jew fuq l-ikel u/jew għall-produzzjoni ta’ taħwir bl-affumikazzjoni derivati (ĠU L 333, 12.12.2013, p. 54, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/1321/oj).
([3]) EFSA (2023). Scientific opinion on the renewal of the authorisation of Fumokomp (SF-009) as a smoke flavouring Primary Product. *EFSA Journal*, 21(11), https://doi.org/10.2903/j.efsa.2023.8370.

(7) Madankollu, biex l-operaturi tan-negozji tal-ikel ikunu jistgħu jużaw il-prodott Fumokomp (SF-009) bħala prodott primarju ta' aromatizzant b'togħma affumikata għall-produzzjoni tal-ikel li għandu jiġi introdott fis-suq sal-1 ta' Lulju 2029, kif previst fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2067 ([4]), jenħtieġ li l-prodott Fumokomp (SF-009) jitħalla jiġi introdott fis-suq sa dik id-data.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

It-tiġdid tal-awtorizzazzjoni ta' Fumokomp (SF-009) bħala prodott primarju ta' aromatizzant b'togħma affumikata huwa rrifjutat.

*Artikolu 2*

Il-prodott Fumokomp (SF-009) jista' jkompli jiġi introdott fis-suq sal-1 ta' Lulju 2029.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Kompozíció Kft, 2053 Herceghalom, l-Ungerija.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Lulju 2024.

*Għall-Kummissjoni*
Stella KYRIAKIDES
*Membru tal-Kummissjoni*

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2067 tal-31 ta' Lulju 2024 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1321/2013 fir-rigward tat-tħassir tal-entrati SF-001 sa SF-010 mil-lista tal-Unjoni ta' prodotti primarji ta' aromatizzant b'togħma affumikata awtorizzati (ĠU L, 2024/2067, 1.8.2024. ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2067/oj).